II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2235

tal-15 ta' Diċembru 2021

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2021 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħra fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1420

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2), (3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2020 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 ([2]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 ([3]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 ([4]), u

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2021 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1579 ([6]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 ([7]),

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 14).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1579 tad-29 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 362, 30.10.2020, p. 3).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2021 (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 1).

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 ([8]), u

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 ([9]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru ikun qabeż il-kwoti tas-sajd allokati lilu, il-Kummissjoni għandha topera tnaqqis mill-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1420 ([10]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2021 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedent.

(5) Għal ċerti Stati Membri, jiġifieri d-Danimarka, Spanja, l-Estonja, Franza u n-Netherlands ma setax isir ċertu tnaqqis bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1420 mill-kwoti allokati għall-istokkijiet li jkunu ġew mistada żżejjed, għaliex il-kwoti għal dawn l-istokkijiet mhumiex disponibbli għal dawk l-Istati Membri fis-sena 2021.

(6) L-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li, meta ma jkunx jista' jsir tnaqqis b'rabta mal-istokk fejn ikun sar sajd żejjed fis-sena ta' wara dik li fiha jkun sar sajd żejjed minħabba li l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux kwoti disponibbli għal dak l-istokk, jista' jsir tnaqqis b'rabta ma' stokkijiet oħra fl-istess żona ġeografika jew bl-istess valur kummerċjali, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati. Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2012/C 72/07 li tinkludi Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([11]) ("il-Linji Gwida") tali tnaqqis għandu preferibbilment isir fis-sena jew fis-snin ta' wara mill-kwoti allokati għall-istokkijiet mistada mill-istess flotta li tkun wettqet sajd żejjed mill-kwota.

(7) L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati b'rabta mal-applikazzjoni ta' ċertu tnaqqis mill-kwoti allokati għall-istokkijiet għajr dawk li jkunu ġew mistada żżejjed. Għalhekk, huwa xieraq li jsir it-tnaqqis minn dawk il-kwoti tas-sajd allokati lil dawk l-Istati Membri fl-2021.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1420 jiġi emendat skont dan.

(9) Xorta jistgħu jseħħu aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzji attwali jew preċedenti, ta' żbalji, omissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għas-sena 2021 fir-Regolamenti (UE) 2020/1579. (UE) 2021/90, (UE) 2021/91, u (UE) 2021/92, imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandhom jitnaqqsu billi jiġi applikat it-tnaqqis fuq l-istokkijiet alternattivi stabbiliti f'dak l-Anness.

L-Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1420 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021 p. 31).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (EU) 2021/1420 tat-30 ta' Awwissu 2021 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2021 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti (ĠU L 305, 31.8.2021, p. 10).

([11]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (2012/C 72/07) (ĠU C 72, 10.3.2012, p. 27) kif emendat bil-Komunikazzjoni 2019/C 192/03 (ĠU C 192, 7.6.2019, p. 5).

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2021 LI JRIDU JIĠU APPLIKATI FUQ STOKKIJIET ALTERNATTIVI

STOKKIJIET MISTADA ŻŻEJJED							STOKKIJIET ALTERNATTIVI					
Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2021 għall-istokk mistad iżżejjed (f'kilogrammi)		Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li trid titnaqqas mill-kwota tas-sajd tal-2021 għall-istokkijiet alternattivi (f'kilogrammi)
DK	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	1 606		**DK**	HER	1/2-	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	1 606
DK	DGS	15X14	Mazzola griża	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14	4 718		**DK**	MAC	2CX14-	Kavalli	Iż-żoni 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14	4 718
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	80 933		**DK**	HER	1/2-	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	80 933
ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	33 603		**ES**	COD	1/2B.	Bakkaljaw	1 u 2b	33 603
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	22 078		**ES**	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	22 078
EE	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	16 377		**EE**	RNG	5B67-	Grenadier imnieħru tond	Iż-żoni 6 u 7; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b	34 000
FR	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	8 988		**FR**	REB	1N2AB.	Redfish	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	8 988

FR	NEP	08C.	Skampu	8c	5 342		**FR**	POL	08C.	Pollakkju	8c	5 342
FR	WHM	ATLANT	Marlin abjad	L-Oċean Atlantiku	2 450		**FR**	BUM	ATLANT	Marlin blu	L-Oċean Atlantiku	2 450
NL	WHB	8C3411	Stokkafixx	Żoni 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1	12 235		**NL**	WHB	1X14	Stokkafixx	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14	12 235

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1420 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2021 GĦALL-ISTOKKIJIET LI ĠEW MISTADA ŻŻEJJED

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali tal-2020 (f'kilogrammi)	Ħatt l-art permess għall-2020 (Kwantità totali adattata f'kilogrammi) [1]	Qabdiet totali li saru fl-2020 (kwantità f'kilogrammi)	Konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (kwantità f'kilogrammi)	Fattur ta' multiplikazzjoni [2]	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni [3] [4]	Tnaqqis pendenti missena/ snin ta' qabel [5] (kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2021 [6] u għas-snin ta' wara (kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2021 għall-istokkijiet mistada żżejjed [7] (kwantità f'kilogrammi)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2021 għall-istokkijiet alternattivi (kwantità f'kilogrammi)	Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2022 u għas-sena/ snin ta' wara (kwantità f'kilogrammi)
DE	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	39 404 000	18 997 930	20 355 612	107,15 %	1 357 682	/	/	/	1 357 682	1 357 682	/	/
DE	MAC	2CX14-	Kavalli	Iż-żoni 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14	23 416 000	21 146 443	22 858 079	108,09 %	1 711 636	/	/	/	1 711 636	1 711 636	/	/
DK	COD	1N2A-B.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	1 606	Mhux Applikabbli	1 606	1,00	/	/	1 606	/	1 606	/
DK	DGS	15X14	Mazzola griża	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14	/	/	4 718	Mhux Applikabbli	4 718	1,00	/	/	4 718	/	4 718	/

DK	HER	03A.	Aringi	3a	10 309 000	7 482 731	7 697 049	102,86 %	214 318	/	/	/	214 318	214 318	/	/
DK	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	59 468 000	75 652 933	81 089 507	107,19 %	5 436 574	/	/	/	5 436 574	5 436 574	/	/
DK	MAC	2A34.	Kavalli	Iż-żoni 3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c u tas-Subdiviżjonijiet 22-32	19 998 000	17 987 493	18 625 387	103,55 %	637 894	/	/	/	637 894	637 894	/	/
DK	MAC	2A4A--N	Kavalli	L-ilmijiet Norveġiżi 2a u 4a	14 453 000	13 507 878	13 531 201	100,17 %	23 323	/	/	/	23 323	23 323	/	/
DK	POK	1N2A-B.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	7 800	88 733	1 137,60 %	80 933	1,00	/	/	80 933	/	80 933	/
DK	PRA	N1GR-N.	Gamblu tat-Tramuntana	L-ilmijiet ta' Greenland li jinsabu fiż-żona 1 tan-NAFO	1 400 000	2 800 000	2 818 891	100,67 %	18 891	/	/	/	18 891	18 891	/	/
DK	SAN	234_2-R	Ċiċċirella	Żona ta' ġestjoni 2r taċ-ċiċċirella fl-ilmijiet tal-Unjoni	59 106 000	56 042 763	57 756 024	103,06 %	1 713 261 (9)	/	/	/	1 713 261 (9)	1 713 261 (9)	/	/
ES	COD	1/2B.	Bakkaljaw	1 u 2b	11 688 000	9 576 615	9 581 250	100,05 %	4 635	/	/	/	4 635	4 635	/	/
ES	GHL	1N2A-B.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	22 402	Mhux Applikabbli	22 402	1,00	A	/	33 603	/	33 603	/
ES	OTH	1N2A-B.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	22 078	Mhux Applikabbli	22 078	1,00	/	/	22 078	/	22 078	/
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15 000	15 000	21 072	140,48 %	6 072	1,00	/	2 067	8 139	8 139	/	/
EE	COD	1N2A-B.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	300 000	316 377	105,46 %	16 377	/	/	/	16 377	/	34 000	/
FR	GHL	1N2A-B.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	8 988	Mhux Applikabbli	8 988	1,00	/	/	8 988	/	8 988	/

FR	NEP	08C.	Skampu	8c	0	0	5 342	Mhux Applikabbli	5 342	1,00	/	/	5 342	/	5 342	/
FR	WHM	ATLANT	Marlin abjad	L-Oċean Atlantiku	/	/	1 225	Mhux Applikabbli	1 225	1,00	C	/	2 450	/	2 450	/
IE	ALB	AN05N	Alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	2 891 010	2 743 260	2 938 449	107,12 %	195 189	/	C ([8])	/	195 189	195 189	/	/
LV	HER	3D--R30	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	4 253 000	6 135 144	6 138 817	100,06 %	3 673	/	C ([8])	/	3 673	3 673	/	/
LV	SPR	3BCD--C	Laċċa Kaħla	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32	29 073 000	28 618 753	28 635 182	100,06 %	16 429	/	C ([8])	/	16 429	16 429	/	/
NL	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	51 717 000	50 896 907	51 002 687	100,21 %	105 780	/	/	/	105 780	105 780	/	/
NL	WHB	8C341-1	Stokkafixx	Żoni 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1	/	/	12 235	Mhux Applikabbli	12 235	1,00	/	/	12 235	/	12 235	/
PL	HER	1/2-	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni, dawk tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	593 000	1 226 015	1 329 820	108,47 %	103 805	/	/	/	103 805	103 805	/	/
PL	MAC	2CX14-	Kavalli	Iż-żoni 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14	1 649 000	4 724 236	5 185 187	109,76 %	460 951	/	/	/	460 951	460 951	/	/
PT	ALB	AN05N	Alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	2 273 970	1 638 457	1 595 315	97,37 %	- 43 142 ([10])	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	635 513 ([11])	635 513 ([11])	635 513 ([11])	/	/

PT	ALF	3X14-	Fonsa ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	164 000	155,278	158,601	102,14 %	3 323	/	A ([8])	/	3 323	3 323	/	/
PT	BET	ATLA-NT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	3 058 330	3 058 330	3 069 582	100,37 %	11 252	/	C ([8])	/	11 252	11 252	/	/
PT	HKE	8C341-1	Merluzz	Żoni 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1	2 614 000	1 996 154	2 135 737	106,99 %	139 583	/	C ([8])	/	139 583	139 583	/	/
PT	SWO	AS05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku fin-Nofsinhar ta' 5° N	299 030	299 030	309 761	103,59 %	10 731	/	/	/	10 731	10 731	/	/

([1]) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq il-Politika Komuni tas-Sajd u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2019 għall-2020 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni min sena għal sena tat-TACs u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u f'konformità mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([2]) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

([3]) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

([4]) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2018, fl-2019 u fl-2020. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa suġġett għal pjan pluriennali.

([5]) Il-kwantitajiet li fadal mis-sena jew mis-snin ta' qabel.

([6]) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2021.

([7]) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2021 li jista' jsir fir-realtà meta wieħed iqis il-kwota disponibbli fis-7 ta' Settembru 2021.

([8]) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni mhux applikabbli billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

([9]) Irid jitnaqqas miż-żona ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell 3r.

([10]) Peress li l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 mhuwiex applikabbli għall-istokk ALB/AN05N; din il-kwantità mhux użata ma tistax tintuża biex jitnaqqas in-nofs li jifdal tat-tnaqqis dovut fl-2021.

([11]) Fuq talba tal-Portugall, it-tnaqqis ta' 1 271 026 kilo li kellu jsir fl-2020 minħabba sajd żejjed fl-2019 ġie mifrux b'mod ugwali fuq sentejn (2020 u 2021)."